MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 684/2011

**Godwin Falzon u Alfred Falzon fil-kapacitajiet rispettivi taghhom ta' Diretturi u dana in rapprezentanza ta' Trio Investments Limited (C-30451)**

**vs**

**JPM Brothers Limited (C-31612)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Godwin Falzon u Alfred Falon, fil-kapacitajiet rispettivi taghhom ta' Diretturi u dan in rapprezentanza ta' Trio Investments Limited li wara li ppremettew illi:

Skond kuntratt ta' akkwist li sar fl- 24 ta' Lulju 2009 fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dr Bartolomeo Micallef, il-kumpanija JPM Brother Limited, li ghandha n-numru ta' registrazzjoni

C-31612, ikkostitwiet ruhha bhala debitrici versu s-socjeta' Trio Investments Limited, numru ta' registrazzjoni C-30451, ghas-somma ta' hamsa u erbghin elf, sitt mija u hamsa u hamsin ewro (€45,655), liema debitu ta' flus huwa rapprezentanti t-taxxa tad-dhul kapitali provvizorja li thallset mis-socjeta' Trio Investments Limited;

Illi dan l-imsemmi debitu ta' flus li l-kumpannija JPM Brothers Limited ghandha versu Trio Investments Limited, cioe' €45,655, rapprezentanti t-taxxa tad-dhul kapitali provvizorja li thallset mis-socjeta' Trio Investments Limited stess ghan-nom tal-kumpannija JPM Brothers Limited, illum huwa ammont cert, likwidu u dovut immedjatament, hekk kif manifest fil-kuntratt ta' akkwist, datat 24 ta' Lulju 2009, fl-Atti tan-Nutar Pubbliku Dr Bartolomeo Micallef peress li ddekorra il-perjodu ta' tlett xhur koncess lill-kumpannija debitrici JPM Brothers Limited, mid-data imsemmija;

Illi minkejja li d-Direttur ta' Trio Investments Limited, interpellaw lid-Diretturi ta' JPM Brothers Limited f'diversi okkazzjonijiet kemm verbalment f'diversi inkontri li saru u nonostante li giet prezentata ittra ufficjali li tirrifletti din it-talba quddiem din l-Onorabbli Qorti fit- 22 ta' Gunju 2011, il-kumpanija debitrici, cioe' JPM Brothers Limited, baqghet inadempjenti u ma resqitx ghall-hlas tal-imsemmi debitu;

Illi nonostante li l-kumpanija Trio Investments Limited, tramite d-Diretturi taghha ghamlet dak li setghat sabiex tevita l-process gudizzjarju, illum qed thossha serjament aggravata u ppregudikata minhabba dan in-nuqqas ta' pagament;

Ghaldaqstant tghid ghaliex is-socjeta' intimata m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

Tiddikjara u tikkonferma illi l-kumpannija intimata JPM Brothers Limited, li ghandha n-numru ta' registrazzjoni taghha numru C-31612, hija debitrici versu l-kumpannija Trio Investments Limited, li ghandha n-numru ta' registrazzjoni taghha C-30451, ghas-somma ta' hamsa u erbghin elf, sitt mija u hamsa u hamsin ewro

(€45,655)skond kuntratt ta' akkwist li sar fl-24 ta' Lulju 2009 fl-atti tan-nutar pubbliku Dr Bartolomeo Micallef;

Tordna u tikkundanna lill-kumpannija intimata JPM Brothers Limited, li ghandha n-numru ta' registrazzjoni taghha numru C-31612, sabiex tersaq ghall-hlas effettiv ta' hamsa u erbghin elf, sitt mija u hams u hamsin ewro (€45,655)lill-kumpannija Trio Investments Limited, li ghandha n-numru ta' registrazzjoni taghha C-30451;

Taghti kull rimedju u /jew direttiva ulterjuri li huma xierqa u necessarji sabiex jigu protetti l-interessi finanzjarji tas-socjeta' Trio Investments Limited (C-30451) inkwantu ghal l-imsemmi kreditu ta' flus li hija ghandha versu l-kumpannija intimata JPM Brothers Limited li ghandha n-numru ta' registrazzjoni taghha numru C-31612.

Bl-ispejjez tal-prezenti kif ukoll tal-ittra ufficjali kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni, u bl-imghaxijiet kummercjali dekorribbli fuq l-ammont kollu dovut.

Rat li, ghalkemm debitament notifikata, s-socjeta' intimata ma pprezentat ebda twegiba;

Semghet lil Godwin Falzon viva voce bil-gurament;

Rat il-verbal tas-seduta tas- 27 ta' Gunju, 2012 fejn il-Qorti akkordat lill-istess socjeta' intimata hmistax-il gurnata sabiex tressaq sottomissjonijiet bil-miktub, pero dan m'ghamlitux;

Rat id-dokumenti.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti rnexxilhom jippruvaw sal-grad rikjest mill-ligi ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti dak li allegaw.

Għaldaqstant il-Qorti, fil-kontumaċja tas-soċjeta konvenuta tilqa' l-ewwel talba kif dedotta; tilqa' ukoll it-tieni talba; bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu minn JPM Brothers Limited.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------